20 ta' Frar, 1954

Imħallef :—
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Cassar

**Rifjut li wieħed jagħti ismu lill-Pulizija. Art. 352 (g) tal-Kodiċi Kriminali**

*Il-liġi tikkunsidra ħati ta' kontravvenzjoni kull min jirrifjuta jagħti ismu u l-partikularitajiet tiegħu lill-persuna inkarikata minn servizz publiku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha.*

*Dan il-preċċett leġislativ huwa kategoriku; u ma jikkomportax l-interpretazzjoni fis-sens li ma hemmx dan ir-rifjut, u kwindi ma hemmx dan ir-reat, jekk dak li jkun, fil-waqt li jirrifjuta jagħti l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija, joffri li jagħtihom x'ħin imur l-Għassa tal-Pulizija.*

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmelo Cassar quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, illi fit-28

ta' Ottubru 1953, għal xi t-3.30 p.m., ingombra Merchants Street, Valletta, bil-motor car nru. 8011, irrifjuta li jagħti ismu lill-Pulizija, għamel storbju fil-publiku bl-għajjat, u nsulta lil P.C. 224 M.Zahra waqt li kien fid-dmirijet tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Novembru 1953, li biha dik il-Qorti ddeċediet billi sabet lill-imputat ħati talli ingombra u kkundannatu 7s. 6d. ammenda, u lliberatu mill-imputazzjoni l-oħra;

Fuq l-appell tal-Prosekuzzjoni, fuq pont ta' liġi mill-assolutorja mit-tieni imputazzjoni (rifjut li jagħti ismu lill-Pulizija);

Wara li semgħet il-provi u l-argumenti;

Ikkunsidrat;

Il-Maġistrat illibera l-imputat minn din l-imputazzjoni għaliex irritjena li, ladarba hu offra li jagħti l-partikularitajiet tiegħu x'ħin imur l-Għassa, dan kien biż-żejjed biex jiskriminah, u ma hemmx rifjut;

Bħala fatt, hu ammess mill-imputat stess li hu ma tax ismu lil P.C. Zahra meta dan talabulu, iżda qallu li jagħti ismu l-Għassa;

Bħala liġi, l-interpretazzjoni tal-Maġistrat ma hijiex sewwa;

Il-liġi — art. 352 (g) Kap. 12 — tikkunsidra ħati ta' kontravvenzjoni kull min jirrifjuta jagħti lill-persuna inkarigata minn servizz publiku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu (kif indiskutibilment kien P.C. Zahra) ismu, eċċ.;

Għalhekk hu ċar li, malli l-imputat irrifjuta li jagħti ismu lil P.C. Zahra, ir-reat kien konsumat; għaliex Zahra kien appuntu l-uffiċjal li kellu l-jedd jirrikjedieh;

Kien ikun stran li jiġi ammess li bniedem, li l-Pulizija trid ismu, jista' jikkostringi lill-Kuntistabbli jħalli postu u jmur bil-fors l-Għassa biex jeħodlu ismu;

Il-preċett leġislativ hu kategoriku, u ma jikkomportax interpretazzjoni simili;

Hekk ġie ġudikat ukoll mill-Qrati Taljani, b'applikazzjoni ta' artikolu simili għal dak Malti (ara art. 436 Kod. Taljan). Ara deċiżjonijiet Cassazione Penale 31 Marzo 1892, Ferrari, Gpza. Penale 1892, p. 280; u Cassazione Penale 24 Sett.

1902, Reitano, Monitore Tribunali 1903, 139; fejn ġie ritenut "sussistere la contravvenzione quando la persona richiesta ricorra a pretesti o tergiversazioni per non declinare tosto le generalità al pubblico ufficiale che le richiede; come se taluno dichiari di voler declinare le generalità soltanto in questura", li hu appuntu l-każ preżenti;

Hemm awturi, bħal Maino (Vol. IV, p. 210), li jaħsbu li din l-interpretazzjoni hi severa ż-żejjed; imma l-preponderanza tad-dottrina u tal-ġurisprudenza [illegible] esposti;

Infatti, il-liġi hi assoluta; u, kif jgħid sewwa l-Crivellari, Vol. VIII, p. 413, "Il Codice Penale", "fatta la richiesta, nessun pretesto può giustificare il rifiuto, giacchè il precetto legislativo è generale e non consente limitazioni". Jgħid ukoll a propożitu l-Viazzi (Trattato di Diritto Penale, Zerboglio, Florian Pozzolini e Viazzi, Vol. VII, pag. 150): "E' così lieve disturbo rassegnare le proprie generalità che a ragione le legge non impose limitazione all'obbligo correlativo";

Ara wkoll is-sentenzi riportati fir-"Repertorio" tal-Prof. Ugo Conti, comm. art. 436 fil-paragrafi 9-11-14-16-17-20-24-25; fiema deċiżjonijiet kollha jirritjenu li l-partikularitajiet għandhom jingħataw "hic et nunc";

Għalhekk l-appell hu fondat u l-Qorti tilqgħu, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap appellat mill-Prosekuzzjoni, u wara li rat l-artikolu fuq imsemmi u l-art. 7 Kap. 12, tiddikjara l-imputat ħati talli rrifjuta jagħti ismu lill-Pulizija, u tikkundannah għall-ammenda ta' 10s., titħallas żmien jumejn mil-lum.